**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 497/16 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Il-partijiet iżżewġu fl-4 ta' Awissu 1980, kif jidher minn kopja ta' estratt mill-Att ta' Żwieġ numru 1368/1980 (dok. A), u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġ ulied T B, li twieled fil-5 ta' Lulju 1990, u P B, li twieldet fit-23 ta' Awissu 1991; l-ulied huma llum it-tnejn maġġorenni;

2. Il-partijiet ilhom *de facto* mifrudin għal ħdax-il sena u nfirdu *de iure* b'kuntratt tal-1 ta' April 2016 fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg (dok. B). Iż-żwieġ tagħhom bil-Knisja kien ġie annullat b'sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta fit-28 ta' Awissu 2009, konfermata b'digriet maħruġ mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza fl-1 ta' Settembru 2010, iżda dan l-annullament ma setax jiġi reġistrat għall-għanijiet tal-Liġi Ċivili f'Malta għar-raġunijiet mogħtija fid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011 (rikors numru 9/2011);

3. Bil-kuntratt ta' separazzjoni tal-1 ta' April 2016, fuq imsemmi, il-partijiet iddikjaraw illi iddekadew mid-dritt ta' manteniment mingħand xulxin u, billi l-ulied huma maġġorenni, ebda manteniment ma hu dovut, la minn parti għall-parti l-oħra u lanqas għall-ulied;

4. Ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Għalhekk il-kondizzjonijiet kollha li jrid l-art. 66B tal-Kodiċi Ċivili huma sodisfatti u, billi l-partijiet huma separati *de iure* bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt tal-1 ta' April 2016 u r-relazzjonijiet patrimonjali ta' bejniethom huma ġà regolati, huwa meħtieġ biss li jinħall iż-żwieġ:

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tippronunzja d-divorzju u hekk tħoll iż-żwieġ bejn il-partijiet; u

2. tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien li jogħġobha tagħti l-qorti qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jiddikjara :

1. Illi huwa m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju u li jinhall iz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Illi huwa jikkonferma li l-partijiet ilhom de facto separati ghal 11-il sena u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni;

3. Illi huwa jikkonferma inoltre illi m'hemm l-ebda manteniment dovut;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Novembru 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' April 2016, izda ilhom de facto separati ghal hdax-il sena.

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.